# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas17 ta' Marzu, 2016

Appell Nru: 372/2012

**Il-Pulizja**

**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**Josef (Joseph) sive Mohammed Sharfid**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Josef (Joseph) sive Mohammed Sharfid, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 392375M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-17 ta` Mejju 2001, f'xi hin bejn il-hdax u kwart ta` filghodu u t-tlieta u kwart ta` wara nofs in-nhar, f'Tas-Sliema ikkommetta serq ta` oggetti u cioe` computer, flus, u diversi affarijiet ohra, liema serq li huwa ikkwalifikat bill-mezz, lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (Lm1000), sar ghad-detriment ta` Aida Chelich u / jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija (LM50) izda mhux aktar minn hames mitt lira Maltija (LM500), saret ghad-detriment ta` Aida Chelich u / jew persuni ohra;

U finalment talli rrenda ruhhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati ta` reati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Lulju, 2012, fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` sentejn (2) li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat dam arrestat fuq dan l-incident.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef (Joseph) sive Josef Mohammed Sharfid, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2012, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas taghti sentenza aktar gusta u ekwa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi fis-17 ta' Marzu 2001, x'imkien Tas-Sliema sehhet serqa, apparentement minn gewwa appartament u waqt l-indagini mill-Pulizija, dahlitilha informazzjoni li ghal din is-serqa seta' kien responsabbli l-appellant, allura imputat. Fil-mori tal-inkjesta *in genere* kienu ttiehdu l-impronti digitali tal-appellant sabiex dawn ikunu komparati ma' dawk misjuba u elevati minn mal-*frame* tal-bieb ta' barra tal-apparament liema impronti kienu kompatibbli u ghalhekk il-Pulizija ressqet lill-appellant sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet odjerni. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet htija fl-appellant kif evidenti fil-parti disposittiva tas-sentenza riprodotta *supra*.

L-appellant ressaq diversi argumenti dwar is-sentenza appellata u dawn ser ikunu konsiderati *seriatim.* Fl-ewwel gravami tieghu l-appellant jghid illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti. Dan l-aggravju ser ikun konsiderat bil-kawtela emergenti mill-gurisprudenza in rigward, senjatament li din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk jirrizulta illi setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. L-appellant jghid illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha l-atti processwali kollha u dan minhabba hruq li sehh gewwa l-bini tal-Qorti. Dan il-process kellu jkun rikostruwit izda ma kienx rikostruwit kif suppost u dan holoq pregudizzju fil-konfront tal-appellant. Dwar dan irid jinghad illi minn ezami tal-atti processwali, huwa biss il-*process verbal* mhejji mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi li kien suggett ta' rikostruzzjoni minhabba hruq fil-bini tal-Qorti (ara fol 6 tal-*process verbal*). Jidher illi dan il-*process verbal* kien rikostruwit fl-intier tieghu hlief ghar-relazzjoni tal-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti, is-Sur Alfred Camenzuli li kien debitament pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-1 ta' Gunju 2001. Dik ir-relazzjoni qatt ma kienet rikostruwita jew riprodotta in kopja izda fin-nota tal-gheluq tal-*process verbal* l-Magistrat Inkwirenti jindika *5) Illi mill-indagini li saru jirrizulta li persuna jew persuni mhux mgharufa bejn il-11.15 am u*

*it-3.11pm tas-17 ta' Mejju, 2011 dahlu fil-fond imsemmi billi sgassaw il-bieb tal-aluminium tal-hgieg li hu accessibbli mit-triq. 6) Illi minn dan il-fond insterqu oggetti, kif deskritti ahjar fir-relazzjoni teknika, li jiswew cirka Lm1,057. 7) Illi l-hsara f'dan il-fond hi ta' cirka Lm100.* Jidher illi r-relazzjoni tal-espert kienet takkludi x-xhieda tal-persuna derubata. Din ix-xhieda ghalhekk qatt ma kienet disponibbli ghall-Magistrat decident u b'hekk gara illi ma hemmx rendikont ta' dak li insteraq mill-appartament u l-valur tieghu;

L-Ewwel Qorti rriskontrat in-nuqqas tar-rapport tekniku u fis-sentenza taghha qalet illi pero' kienu rrizultaw nieqsa wallet u credit cards, computer valur ta' Lm1600 u licenzja tas-sewqan u kkonkludiet illi dawn ghandhom valur intrinsiku anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni li dawn jistghu jinbieghu bi profitt kbir anke fuq is-suq illegali. Hawnhekk l-appellant ghandu ragun fl-argument tieghu li l-Ewwel Qorti assumiet l-ezistenza ta' certu provi u aktar minn hekk waslet ghall-konkluzzjoni ta' valur li huwa hafna aktar minn dak stabbilit mill-espert tekniku;

L-appellant jargumenta wkoll illi minkejja li kien xehed in prim'istanza, d-deposizzjoni tieghu ma kienitx tinsab fl-atti processwali u l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr referenza ghaliha izda ghamlet referenza ghar-rikapitolu maghmul mill-avukat difensur tieghu. Fost dan jidher illi l-appellant kien spjega illi l-l-impronti tieghu fuq il-bieb ta' barra tad-derubata kienu rizultat tal-fatt illi kien acceda hemm precedentement meta kien bzonn il-flus u kien jipprostitwixxi ruhu. L-appellant jilmenta illi ma kellux l-opportunita jaghmel kontro ezami tad-derubata la darba x-xhieda taghha ukoll mhix parti mill-atti, tal-espert tekniku kif ukoll li jkollu x-xhieda tieghu debitament konsiderata u li dan kollu jwassal ghal-nuqqas ta' *audi et alteram partem*. Dwar dan irid jinghad illi wara ezami akkurat tal-atti processwali din il-Qorti ma tistghax ma tghatix ragun lill-appellant. Jibda biex jinghad illi l-Magistrat decident ma kienx l-istess wiehed li kien ha konjizzjoni tal-provi

kollha tal-kaz. Sa mill-ewwel jum ta' smiegh, l-Qorti kienet u baqghet presjeduta mill-istess Magistrat u dan sas-seduta tat-22 ta' Frar, 2012 meta saret trattazzjoni finali u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta' Gunju 2012. Gara izda, illi l-atti kienu assenjati lill-Magistrat iehor u dan ghaliex il-Magistrat precendenti kienet elevata ghall-Imhallef [fattur dan mhux registrat in atti izda komunement mgharuf fi hdan il-Qrati]. Is-sentenza inghatat fis-6 ta' Lulju 2012 minflok fid-data li ghaliha kienet differita l-kawza igifieri fis-6 ta' Gunju 2012. Huwa proprju hawn fejn l-argumenti tal-appellant jassumu certu gravita'. Meta l-Ewwel Qorti ma kienet semghet ebda wiehed mix-xhieda certament kienet fid-dover li terga almenu tisma lill-appellant aktar u aktar meta t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tieghu ma kienitx in atti. Jemergi illi l-appellant xehed fis-seduta tad- 9 ta' Frar 2012 (ara fol 126). F'dik l-okkazzjoni l-appellant seta kien kontroezaminat mill-prosekuzzjoni, wara li jaghti l-verzjoni tieghu u b'hekk kellu l-opportunita' li jipprovdi kwadru aktar komplet lill-Magistrat decident qabel jasal ghall-gudizzju tieghu. Dan izda ma sarx minkejja li l-Qorti setghet terga taghti opportunita' lill-appellant biex jerga jiddeponi aktar u aktar meta kien hemm bdil fil-komposizzjoni tal-Qorti. Kien ikun ferm aktar desiderabbli li l-Ewwel Qorti ukoll terga tisma s-sottomissjonijiet mill-partijiet milli tghaddi ghas-sentenza minnufih. Konsegwenza ta' dan jidher li l-Ewwel Qorti hadet posizzjoni negattiva ghal ' dak li l-avukat difensur tal-appellant qal fir-rikapitolar tax-xhieda tal-appellant. U dan meta staqsiet ghaliex kien hareg b'dik il-verzjoni wara tant zmien. Huwa hawnhekk li din il-Qorti hija aktar konvinta li kien tassattiv fuqha li terga tisma lill-appellant aktar u aktar meta l-impronti digitali tieghu instabu biss fuq il-parti ta' barra tal-bieb u mhux gewwa l-appartament u ghalhekk il-verzjoni tieghu setghet tkun emmnuta.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal-konkuzzjoni li waslet ghaliha meta sabet lill-appellant hati.

Ghalhekk ukoll mhux mehtieg li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra tal-appellant;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement qieghda tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.